# Anniversarji – 60 Sena Ilu

**L-Ewwel Air Malta**

Fil-31 ta' Jannar 1944 waslet Malta delegazzjoni biex tistudja l-futur ta' l-avjazzjoni f'pajjiżna, u li fiha kellha rappreżentanti tal-British Overseas Airways Corporation (BOAC. Tfassal pjan li kien jinkludi titjib estensiv fl-ajruport ta' Ħal Luqa li ingħalaq bejn April u Settembru 1946 biex l-ewwel nksiet mill-ġdid ir-runway 24/06 u warajha dik 14/32. L-uża tar-runways l-oħra ż-żgħar intemm għal kollox; dawn ma kienux aktar kompatibbli mal-ħtiġijiet ta' l-ajruplani ta' dak iż-żmien.

Fis-16 ta' April 1947 intemm ix-xogħol fuq *terminal* ċivili, li fil-fatt kien parti mill-kumpless tat-torri tal-kontrol fuq in-naħa ta' Park Nru 1.[1] Minbarra l-BOAC, li kienu ħadu sehem fl-ippjanar imsemmi aktar 'l fuq, kienu ħafna dawk il-kumpaniji kummerċjali ta' l-ajru li sabu dan l-ajruport ideali bħala post ta' waqfa fuq titjiriet twal lejn l-Afrika u l-Lvant. Ma ninsewx li kien żmien fejn ajruplani tal-passiġġieri kienu jtiru f'distanzi relattivament qosra ħdejn illum; per eżempju, għal titjira mill-Ingilterra għal Kajr fl-Eġittu kien ikun hemm bżonn ta mill-anqas tliet waqfiet.

F'Diċembru ta' l-1947, il-British European Airways (BEA) inawgurat servizz ta' kull ġimgħa minn Northolt (fl-Ingilterra) għal Malta, b'waqfa f'Marsilja (Franza) fuq



**Wieħed mill-Airspeed Consuls li l-Air Malta bdiet tuża fi Frar 1947. L-isem tal-kumpanija jidher immarkat fuq il-kabina**




**Airspeed Consul G-AIKO fl-ajruport ta' Ħal Luqa qabel titjira għat-Tunisija. Dan l-ajruplan baqa' jintuża mill-Air Malta sa Diċembru 1950**

Vickers Viking, titjira li kienet tieħu kważi seba' siegħat u nofs. Fit-12 ta' Lulju 1948 kienet l-Alitalia li bdiet topera minn Malta, bl-użu ta' Fiat G.12, lejn Katanja u Ruma.[2]

Sadanittant, anki numru ta' kumpaniji ta' l-ivjaġġar lokali ntebħu bil-pontenzjal li kien joffri l-futur ta' l-avjazzjoni ċivili. Id-dinja kienet bdiet ritmu ta' żvilupp mgħaġġel f'kull qasam teklonoġiku, u t-titjir għall-ġarr ta' passiġġieri beda jgħaddi espansjoni enormi.

Cassar and Cooper (C&C), bi sħab ma' J.E. Sullivan ta' Londra, bdiet tikri ajruplani fl-Lulju 1946 fuq bażi *charter* minn kumpaniji Ingliżi. Għall-ewwel bdiet tużahom għal titjiriet bejn Malta u l-Ingliterra. L-ewwel passiġġieri kienu l-Maġġur Ġorġ Denaro u martu li taru mill-Ingilterra għal Malta fuq Airspeed Consul[3] tal-Morton Air Services fit-12 ta' dak ix-xahar. It-titjira ħadet 12-il siegħa, b'waqfa qasira fi Franza.

Malajr bdew jiżdiedu destinazzjonijiet oħra, bħal Ruma, Katanja, Tuneż u Tripli. F'Settembru 1946 sar ftehim bejn C&C u British Aviation Services (BAS) ta' Londra biex tiġi ffurmata l-BAS (Malta) Ltd, li ġiet irreġistrata fl-1 ta' Jannar, 1947.[4] Diretturi kien hemm E.B. Ferguson (*Chairman* ta' BAS), Sir A. Rogers, *Captain* A.G. Lamplugh, il-Kaptan A.H. Cassar u l-Kaptan F.J. Cooper. Bħala *Managing Director* fl-Ingilterra nħatar *Air Commodore* G. Powell (CBE) waqt li l-Kaptan Cassar kellu f'idejh l-amministrazzjoni lokali. Il-kumpanija, minbarra li tipprovdi servizz ta' titjiriet, kellha l-ħsieb ukoll li tiftaħ bażi għall-manutenzjoni ta' l-ajruplani f'Malta li, minbarra li taqdi l-ħtiġijiet tal-kumpanija stess, tkun tista' toffri dawn il-faċilitajiet lill ajruplani privati li jieqfu hawn.

Dak iż-żmien, ukoll, kienet twaqqfet kumpanija oħra bi sħab bejn Messrs. W.J. Parnis England Co. Ltd u Instone Airways, bl-isem 'Instone Airways 1946 (Malta) Ltd'. Din kienet topera Airspeed Consuls mikrija minn Chartair Ltd fuq rottot simili ħafna għal dawk ta' BAS (Malta) Ltd. Fil-fatt, f'April 1947 id-diretturi ta' din ta' l-aħħar, ta' Instone u ta' Chartair iltaqgħu f'Malta għal taħdidiet bil-għan li jingħaqdu taħt l-isem ta' 'Maltairline'(wara ftit dan inbidel f'Maltair Merger).[5] Instone kienet għadha kif inawgurat servizzi fit-13 ta' Frar 1947, b'titjira bejn Benghasi u Tripli.

Wasal Malta fis-6 ta' Lulju 1947 l-ewwel ajruplan għall-kumpanija l-ġdida, De Havilland Dove imtajjar mill-*Captain* George Rees u *First Officer* Fred Wiles. Kien jiswa £17,000, u wara nofs inhar dakinhar stess għamel l-ewwel servizz għall-Ruma u Londra. Fl-aħħar ta' dak ix-xahar, l-isem tal-kumpanija inbidel għal 'Air Malta', u sa Frar 1948 din kienet tħaddem 50 impjegat. Fil-frattemp kienet diġà ġarret 2,000 passiġġier; f'Novembru dawn kienu telgħu għal 10,000. Ġarret ukoll 54 tunnellata ta' merkanzija u 5 tunnelati posta.

Kien naturali li l-Air Malta tapplika għall-liċenzja biex tkun tista' topera fuq numru ta' rottot, imma nstab li fuq xi wħud minnhom, il-BOAC kienet tgawdi monopolju. Deher ukoll li l-Gvern Ingliż ma tantx kien favur li jitwaqqfu kumpaniji ndipendenti minn organizzazzjonijiet ġewwa r-Rentu Unit,[6] għalkemm f'dan il-każ saret eċċezzjoni bis-saħħa tas-*self-government* f'Malta. Il-liċenzja fl-aħħar waslet, fl-14 ta' Mejju 1948, u ngħatat uffiċjalment lill-kumpanija fit-12 ta' Novembru ta' l-istess sena biex topera għall-Afrika ta' Fuq, Sqallija u Ruma fuq titjir bi skeda fissa. Din kienet l-ewwel liċenzja tat-tip tagħha li qatt ingħatat lil kumpanija ta' l-avjazzjoni ċivili privata barra mill-Ingilterra.

F'Mejju 1948 il-kumpanija kellha tliet Airspeed Consuls. Waqt wirja ta' l-ajru f'Ħal Far fil-11 ta' Ġunju 1949, l-Air Malta offriet titjiriet lokali fuq il-gżejjer Maltin għall-prezz ta' nofs lira. Fit-28 tax-xahar, wieħed mid-De Havilland Doves tagħha ġie 'mgħammed' bl-isem *'City of Valletta'*. L-Arċisqof Mikiel Gonzi bierek l-ajruplan, waqt li l-isem ingħata mill-mara tal-Prim Ministru, is-Sinjura Boffa.[7] Fit-12 ta' Diċembru 1949 wasal l-ewwel minn tliet Douglas DC-3 Dakotas.[8]

L-akkwist ta' aktar ajruplani wassal għal espansjoni tar-rottot, li issa kienu jinkludu titjiriet għal Ġibiltà (via Tanġeri), Lisbona (via l-Alġerija) u Lyddia fl-Iżrael. Aktar popolari kienu t-titjiriet għall-Kajr (via Bengażi) u Tobruk/El Adem. Bi ftehim mal-Bord ta' l-Ajru tal-Bermuda tas-7 ta' Marzu 1950, l-Air Malta rnexxielha torganizza titjiriet għal dak il-pajjiż minn fejn wieħed seta' jipproċedi lejn l-Amerka. Għal dan is-servizz, li beda fis-sajf 1950, kriet Douglas DC-4. Wara erba' titjiriet waqaf kollox.

Ta' min jikkonsidra ftit hawnhekk kemm kien jiswa biex tivjaġġa bl-ajru. Biljett għal Londra fl-1946 kien £25 u aktar tard tela' għal £35; fl-1949 dak għal Palermo kien £10, Katanja £8 u Lugano £31. It-titjiriet għall-Bermuda kienu jiswew £79-12s-0d. Meta tqis li paga medja kienet madwar £12 fix-xahar, wieħed malajr jintebaħ li l-ivjaġġar bl-ajru ma kienx għall-kulħadd.

Fil-31 ta' Ottubru 1950, Air Malta inawgurat servizz ġdid bi Bristol Type 170 Wayfarer. L-intern ta' dan l-ajruplan seta' jiġi mibdul biex iġorr żewġ karozzi u 10 passiġġieri, jew karozza u 24 passiġġier, jew inkella 45 passiġġier. L-ewwel rotta kienet dik bejn Malta u l-Kajr, bi nżul fi Tripli, Bengażi u Tobruk. L-iskop prinċipali kien li dan jintuża għall-ġarr ta' karozzi bejn Malta u Sqallija;[9] il-ġarr ta' karozza kien jiswa £36.

L-Air Malta spiċċat ħesrem bil-bejgħ tal-liċenzja f'Diċembru 1950 da parti tas-sieħba fl-Ingilterra li kellhom f'idejhom il-maġġoranza ta' l-iqsma. Kienet daqqa ta' ħarta mhux mistennija, speċjalment għall-Kaptan Cassar, li kien bniedem ta' viżjoni kbira f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-avjazzjoni. Fuq kollox, dan il-bejgħ sar



**Numru ta' mistidnin waqt l-inawgurazzjoni ta' DeHavilland Dove mixtri mill-Air Malta (G-AKJP) li beda jopera f'Ġunju 1949. Ingħata l-isem 'City of Valletta'**

mingħajr l-iċken konsutazzjoni man-naħa Maltija. Il-liċenzja nbiegħet lill-Malta Airways, li assorbiet lill-Air Malta fit-8 ta' Jannar, 1951. Matul l-erba' snin ta' ħajja, l-Air Malta għamlet użu minn tmien Airspeed Consul, żewġ De Havilland Dove, tliet Douglas DC-3, Bristol Type 170 Wayfarer u Douglas DC-4.[10]

© Richard J. Caruana – 2007

(Awtur tal-ktieb 'L-Istorja ta' l-Avjazzjoni f'Malta', Publikazzjonijiet Indipendenza, 2002; ISBN: 99932-41-26-1)

1 Richard J. Caruana, "Hal Luqa u l-Mitjar , *Hal Luqa Fil-Gwerra, Fil-Paċi*, Kunsill Lokali Luqa, 1995

2 Carmel Attard, "Highlights of Maltese Aviation History , *Airlines in Malta*, Malta Aviation Museum Foundation, David Spiteri Staines Editur, Malta, 2000

3 Reġistrazzjoni: G-AHFT.

4 John Havers, "The First Air Malta , *Air-Britain Digest*, Winter 1990

5 "A Feeder Airline in Post-War Europe , *European Aviation Annual*, Carmel Attard Editur, Malta, 1986

6 The Aeroplane, 7 ta' Mejju 1948

7 *Times of Malta*, 29 ta' Ġunju, 1949

8 It-tnejn l-oħra waslu f'April u f'Ġunju 1950 risp

9 Kien servizz ta' kull nhar ta' Sibt

10 Dawn kollha kienu mikrija minn sidien Ingliżi, bl-eċċezzjoni tad-DC-4 li kien ġie mikri minn kumpanija Indjana.